IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.12.2020
COM(2020) 854 final

2020/0380 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit.

MT MT

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ("Ir-Renju Unit" jew "UK") ħareġ mill-Unjoni Ewropea ("UE") u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("Euratom") – minn hawn 'il quddiem b'mod kollettiv imsejħin "l-Unjoni" – fl-1 ta' Frar 2020. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ[1] li ġie konkluż bejn l-Unjoni u r-Renju Unit daħal fis-seħħ f'din id-data, żgura t-tluq ordnat tar-Renju Unit u pprovda ċertezza tad-dritt f'oqsma importanti, inklużi d-drittijiet taċ-ċittadini, is-saldu finanzjarju u l-evitar ta' fruntiera fiżika fuq il-gżira tal-Irlanda.

Skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ, intlaħaq qbil dwar perjodu ta' tranżizzjoni, li għandu jdum sal-31 ta' Diċembru 2020 u li jiggarantixxi kundizzjonijiet ta' "żamma tal-istatus quo" għaċ-ċittadini, il-konsumaturi, in-negozji, l-investituri, l-istudenti u r-riċerkaturi, pereżempju, kemm fl-UE kif ukoll fir-Renju Unit. L-UE u r-Renju Unit innegozjaw qafas ġdid ta' relazzjonijiet, ibbażat fuq id-Dikjarazzjoni Politika maqbula bejn l-UE u r-Renju Unit[2].

Irrispettivament mit-tip ta' kwalunkwe ftehim futur, il-fatt li r-Renju Unit mhux se jibqa' jipparteċipa fil-politiki tal-Unjoni minn tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni se joħloq ostakli għall-kummerċ ta' oġġetti u servizzi u għall-mobbiltà u l-iskambji transfruntiera li ma kinux jeżistu qabel. Dan se jseħħ fiż-żewġ direzzjonijiet, jiġifieri mir-Renju Unit lejn l-Unjoni, kif ukoll mill-Unjoni lejn ir-Renju Unit.

Abbażi tad-deċennji ta' sħubija mill-qrib fl-UE, hemm interdipendenza ekonomika, kummerċjali u soċjali importanti bejn ir-Renju Unit, minn naħa waħda, u l-Istati Membri tal-UE, min-naħa l-oħra. Għalhekk, minkejja l-miżuri ta' tħejjija stabbiliti kemm mill-Kummissjoni kif ukoll mill-Istati Membri, fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, ħafna setturi ekonomiċi u negozji, speċjalment kumpaniji b'esponiment sinifikanti għar-Renju Unit, se jiffaċċjaw diffikultajiet bħala konsegwenza tat-telf ta' aċċess iffaċilitat għas-suq tiegħu jew inkella se jkunu affettwati minn relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi aktar kumplessi. Dan jista' jirriżulta f'telf ta' impjiegi. F'dan l-isfond, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jiġġieldu l-impatt negattiv billi jintroduċu skemi ta' appoġġ speċifiċi biex jgħinu lir-reġjuni u lin-negozji affettwati fil-ġestjoni tal-bidla jew billi jintroduċu miżuri li jgħinu jippreservaw il-livelli ta' impjieg. Wieħed mis-setturi li l-aktar jintlaqat ħażin huwa s-settur tas-sajd minħabba l-limitazzjoni konsegwenti tal-attivitajiet tas-sajd.

L-amministrazzjonijiet pubbliċi tal-Istati Membri huma affettwati wkoll peress li kellhom jistabbilixxu infrastruttura u faċilitajiet addizzjonali u jirreklutaw persunal addizzjonali. Pereżempju, fil-qasam tad-dwana u tat-tassazzjoni indiretta, xi amministrazzjonijiet nazzjonali għamlu investimenti sinifikanti fl-infrastruttura u r-riżorsi umani, primarjament fl-Istati Membri li huma l-punti ewlenin ta' dħul u ħruġ għall-kummerċ tal-Unjoni Ewropea mar-Renju Unit. Fil-qasam tal-kontrolli sanitarji u fitosanitarji, l-Istati Membri kellhom jistabbilixxu Postijiet ta' Spezzjoni fil-Fruntiera ġodda jew jestendu dawk eżistenti fil-punti tad-dħul tal-importazzjonijiet mir-Renju Unit lejn l-UE. L-Istati Membri jista' jkollhom iżidu l-miżuri ta' kontroll fuq il-baħar u fil-portijiet għal monitoraġġ u spezzjoni addizzjonali. L-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri kellhom jadattaw ir-regoli għall-ħruġ taċ-ċertifikati u l-

[1] Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("Il-Ftehim dwar il-Ħruġ") (ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7).

[2] Test rivedut tad-Dikjarazzjoni Politika li tistabbilixxi l-qafas għar-relazzjoni futura bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit kif miftiehma fil-livell tan-negozjaturi fis-17 ta' Ottubru 2019, ĠU C34, 31.1.2020, p. 1).

awtorizzazzjoni tal-prodotti, ir-rekwiżiti tal-istabbiliment, it-tikkettar u l-immarkar, kif ukoll jipprevedu u jaġġornaw miżuri speċifiċi ta' sensibilizzazzjoni dwar il-konsegwenzi li l-irtirar se jkollu fuq iċ-ċittadini u n-negozji.

Mir-referendum tar-Renju Unit fl-2016, l-Istati Membri u l-UE kienu qed iħejju b'mod attiv għall-ħruġ kemm f'termini politiċi kif ukoll ekonomiċi. Huma ilhom jistabbilixxu miżuri ta' tħejjija biex iqisu l-effetti possibbli tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni fuq il-partijiet ikkonċernati kollha affettwati. Il-Kummissjoni ripetutament talbet lill-atturi rilevanti kollha biex jieħdu l-passi meħtieġa biex jevitaw jew inaqqsu l-impatt potenzjali. Minkejja l-miżuri li diġà ttieħdu jew li huma ppjanati, il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni huwa sitwazzjoni mingħajr preċedent għall-Istati Membri kollha li teħtieġ azzjoni speċifika, immirata u rapida. Huwa ġust li wieħed jassumi li, minħabba r-relazzjoni ekonomika u kummerċjali partikolarment mill-qrib li ġiet żviluppata mal-Istati Membri matul is-47 sena tas-sħubija tar-Renju Unit fl-UE, xi Stati Membri, reġjuni u setturi se jintlaqtu aktar mill-ħruġ u huma mistennija li jesperjenzaw telf ekonomiku u finanzjarju li għadu mhux possibbli li jiġi kwantifikat. Dawn l-azzjonijiet addizzjonali x'aktarx li jkollhom impatt sinifikanti fuq l-infiq pubbliku, speċjalment fit-terminu qasir u f'dawk l-Istati Membri u r-reġjuni affettwati b'mod partikolari, u b'hekk jirriżultaw fi ħtieġa urġenti għal finanzjament pubbliku addizzjonali biex jiġu kkumpensati dawn il-konsegwenzi, speċjalment fl-ewwel snin wara l-irtirar.

Għalhekk, il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, maqbula fil-laqgħa speċjali tiegħu tas-17-21 ta' Lulju 2020, jipprevedu l-istabbiliment ta' Riżerva speċjali ġdida ta' Aġġustament għall-Brexit (ir-"Riżerva") fi ħdan l-istrumenti speċjali barra mil-limiti massimi tal-baġit tal-UE tal-qafas finanzjarju pluriennali "biex jiġu miġġielda l-konsegwenzi mhux previsti u negattivi fl-Istati Membri u s-setturi li huma l-aktar affettwati"[3]. Il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta.

Ir-Riżerva stabbilita skont dan ir-Regolament se tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri, lir-reġjuni u lis-setturi, b'mod partikolari dawk li huma l-aktar milquta mill-konsegwenzi negattivi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, u b'hekk ittaffi l-impatt tagħha fuq il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. Ir-riżerva se tipprovdi kontribuzzjonijiet finanzjarji biex tkopri n-nefqa pubblika addizzjonali kollha mġarrba mill-Istati Membri, jew parti minnha, speċjalment dawk li jiddependu l-aktar fuq ir-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi mar-Renju Unit, għal miżuri marbuta direttament mal-ħruġ. Ir-Riżerva tikkumplimenta għodod eżistenti oħra disponibbli taħt Next Generation EU u l-baġit fit-tul li jmiss tal-UE.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika u ma' politiki oħra tal-UE**

Ir-Riżerva se tkun kumplimentari u se tiżgura sinerġiji ma' programmi u strumenti ta' finanzjament oħra tal-Unjoni. Il-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027, NextGenerationEU u l-programmi ta' akkumpanjament inkluż l-Assistenza għall-Irkupru għall-Koeżjoni u t-Territorji tal-Ewropa (REACT-EU) taħt il-fondi strutturali u ta' koeżjoni, il-fondi tal-politika ta' koeżjoni ta' wara l-2020, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u InvestEU se jiffokaw aktar fuq l-indirizzar tal-effetti tal-kriżi kkawżata mill-COVID-19 u jipprovdu appoġġ lill-ekonomiji tal-Istati Membri biex isiru aktar reżiljenti, sostenibbli u mħejjija aħjar għall-futur. Ir-Riżerva se tikkonċentra r-riżorsi tagħha b'mod speċifiku u esklużiv fuq l-effett dirett tal-avveniment speċifiku u mingħajr preċedent tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, li jnaqqas l-impatt tiegħu f'termini ta' koeżjoni territorjali.

[3] Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, 17, 18, 19, 20 u 21 ta' Lulju 2020, EUCO 10/20, CO EUR 8 CONCL 4.

L-istrument propost jispira ruħu wkoll mill-esperjenza li ilha teżisti tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea[4].

Bħalissa ma hemm l-ebda strument li jipprovdi appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri, speċifikament u direttament marbut mal-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni.

Il-proposta hija parti mit-tħejjija għal tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni bejn ir-Renju Unit u l-Unjoni. Huwa jibni fuq u jikkomplementa l-ħidma li saret mill-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri fil-kuntest tal-miżuri ta' tħejjija meħuda skont il-politiki rispettivi tal-Unjoni matul in-negozjati skont l-Artikolu 50 tat-TUE u l-ħidma ta' sensibilizzazzjoni tal-Kummissjoni biex tgħin biex jiġi żgurat li l-amministrazzjonijiet nazzjonali tal-Istati Membri jkunu lesti għal tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. L-arkitettura tiegħu tqis is-sitwazzjoni bla preċedent għall-Istati Membri, l-uniċità tagħha u l-ħtieġa li dawn jirreaġixxu malajr u b'mod flessibbli għall-isfidi hekk kif jinħolqu fl-ekonomiji tagħhom.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Din il-proposta tissejjes fuq l-Artikoli 175 u 322 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

L-Artikolu 174 tat-TFUE jipprevedi li sabiex tippromwovi l-iżvilupp armonjuż tagħha in ġenerali, l-Unjoni għandha tiżviluppa u tfittex li twettaq l-azzjonijiet tagħha li jwasslu sabiex tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fi ħdanha.

Id-dritt li wieħed jaġixxi biex jintlaħaq dan l-għan huwa minqux fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 175 tat-TFUE li jistabbilixxi li, jekk ikun hemm bżonn ta' azzjonijiet speċifiċi barra mill-Fondi u mingħajr preġudizzju għall-miżuri deċiżi fil-qafas tal-politiki l-oħra tal-Unjoni, tali azzjonijiet jistgħu jiġu adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja u wara li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

F'konformità mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 175 tat-TFUE, il-proposta tipprevedi li r-Riżerva għandha l-għan li ssaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali billi tipprovdi appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri, lir-reġjuni u lis-setturi l-aktar milquta biex jindirizzaw il-konsegwenzi negattivi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni u b'hekk tiżgura s-solidarjetà tal-UE u ssaħħaħ ir-reżiljenza.

Il-proposta hija bbażata wkoll fuq l-Artikolu 322 tat-TFUE minħabba li fiha regoli speċifiċi dwar ir-riporti li jidderogaw mill-prinċipju tal-annwalità stabbilit fir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir- "Regolament Finanzjarju")[5].

• Is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità

F'konformità mal-Artikolu 4(2) TFUE, l-Unjoni għandha kompetenza kondiviża mal-Istati Membri fil-qasam tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll f'ċerti aspetti tal-politika soċjali. Il-finanzjament tal-attivitajiet proposti permezz tar-Regolament propost

[4] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3) kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 661/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 (ĠU L 189, 27.6.2014, p. 143) u bir-Regolament (UE) Nru 461/2020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Marzu 2020 (ĠU L 99, 31.3.2020, p. 9).

[5] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

f'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni kondiviża jirrispetta l-prinċipji tal-valur miżjud Ewropew u tas-sussidjarjetà. Finanzjament mill-baġit tal-Unjoni jikkonċentra fuq attivitajiet li l-objettivi tagħhom ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom, u fejn l-intervent tal-Unjoni jista' jġib valur addizzjonali mqabbel ma' azzjoni mill-Istati Membri waħedhom.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, jenħtieġ li r-Riżerva stabbilita mir-Regolament tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri biex jiġġieldu l-konsegwenzi negattivi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni. L-objettiv ġenerali tagħha huwa għalhekk li ssaħħaħ il-koeżjoni, permezz ta' miżuri li jippermettu li jittaffa l-impatt ekonomiku, soċjali u territorjali tal-ħruġ fuq l-ekonomiji tal-Istati Membri u li jiġu protetti l-livelli tal-impjiegi.

Barra minn hekk, il-prinċipju tas-sussidjarjetà huwa rifless ukoll mill-fatt li r-Riżerva se tiġi implimentata taħt ġestjoni kondiviża. L-interventi ma jkunux ġestiti direttament mill-Kummissjoni Ewropea, iżda minflok ikunu implimentati bi sħubija mal-Istati Membri. Għaldaqstant l-azzjoni tal-Unjoni hija limitata għal dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni kif stabbiliti fit-Trattati. F'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, hija tiddefinixxi kriterji ta' eliġibbiltà ċari għar-Riżerva li għandha tiġi mobilizzata u tipprovdi flessibbiltà fl-użu tagħha fi proporzjon mas-sitwazzjoni unika.

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità peress li ma tmurx lil hinn mill-minimu meħtieġ sabiex jintlaħaq l-objettiv iddikjarat fil-livell Ewropew u li huwa meħtieġ għal dak il-għan.

- **Għażla tal-istrument**

Qed jiġi propost li jinħoloq strument ġdid peress li l-għanijiet deskritti fit-taqsimiet preċedenti ma jistgħux jintlaħqu sa livell suffiċjenti minn azzjonijiet individwali tal-Istati Membri. Taħt il-politika ta' koeżjoni, l-istrument magħżul huwa Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja kif stabbilit fl-Artikolu 175(3) TFUE, li jiżgura trattament ugwali tal-Istati Membri. L-istrument propost jispira ruħu mill-esperjenza li ilha teżisti tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea u tal-politika ta' koeżjoni, filwaqt li jadatta għaċ-ċirkostanzi kompletament ġodda u l-objettiv li jiġu miġġielda l-effetti tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Huwa impossibbli li jiġi evalwat ex post l-impatt jew li tiġi vverifikata l-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti minħabba li la hemm leġiżlazzjoni bħal din u lanqas preċedent bħal dan.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Minħabba l-urġenza biex titħejja l-proposta u biex tkun tista' tiġi adottata fil-ħin mill-koleġiżlaturi, ma setgħetx titwettaq konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati. Madankollu, bi tħejjija għal din il-proposta, saru sensiela ta' laqgħat ma' rappreżentanti ta' firxa wiesgħa ta' Stati Membri.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Minħabba n-natura urġenti tal-proposta, ma saret l-ebda valutazzjoni tal-impatt. Il-proposta tqis l-analiżijiet ekonomiċi reċenti, inkluż it-tbassir ekonomiku tal-ħarifa 2020 tal-Kummissjoni u r-riċerka tal-Bank Ċentrali Ewropew.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093[6] jipprevedi li l-ammont globali tar-Riżerva għandu jkun ta' EUR 5 000 000 000 fi prezzijiet tal-2018.

Ir-riżorsi massimi għall-implimentazzjoni tar-Riżerva għandhom ikunu ta' EUR 5 370 994 000 fi prezzijiet attwali, li għandhom jiġu ffinanzjati bħala strument speċjali barra mil-limiti massimi tal-baġit tal-UE tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali. EUR 4 244 832 000 se jiġu allokati u mħallsa fl-2021 fil-forma ta' prefinanzjament. L-EUR 1 126 162 000 li jifdal se jiġu allokati u mħallsa fl-2024 għal kontribuzzjonijiet addizzjonali f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-proposta preżenti.

B'deroga mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12(4) tar-Regolament Finanzjarju, qed jiġu proposti dispożizzjonijiet speċifiċi dwar ir-riport awtomatiku tal-approprjazzjonijiet minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tar-Riżerva. Filwaqt li huwa probabbli li ħafna mill-konsegwenzi negattivi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni se jseħħu fl-ewwel sena/snin wara l-ħruġ effettiv, l-effetti fuq ċerti reġjuni, setturi jew Stati Membri jistgħu jseħħu fis-snin sussegwenti. Sabiex jiġi massimizzat l-impatt tiegħu u biex il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew[7] li jipprovdu ammont globali disponibbli ta' EUR 5 biljun fi prezzijiet tal-2018 mingħajr limitu ta' żmien, ikunu operattivi bis-sħiħ, huwa għalhekk meħtieġ li jsir provvediment biex ir-Riżerva tiddaħħal bħala dispożizzjoni fil-baġit, bi trasferiment awtomatiku ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament mhux użati sal-2025.

Barra minn hekk, qed jiġu proposti dispożizzjonijiet speċifiċi dwar perjodu ta' referenza mfassal apposta minħabba n-natura speċifika tar-Riżerva u l-perjodu ta' implimentazzjoni relattivament qasir. Peress li fl-istess ħin, ir-riskji għall-baġit tal-Unjoni huma mitigati mir-rekwiżit li tiġi stabbilita sistema solida ta' ġestjoni u kontroll mill-Istati Membri, huwa ġġustifikat li ssir deroga mill-obbligu li d-dokumenti msemmija fil-paragrafi 5, 6 u 7 tal-Artikolu 63 tar-Regolament Finanzjarju jiġu ppreżentati fi Frar jew Marzu ta' kull sena.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Viżibilità u arranġamenti ta' rapportar**

Se jiġu applikati arranġamenti speċifiċi ta' rappurtar għall-kontribuzzjoni mir-Riżerva. L-Istati Membri kollha se jkollhom jippreżentaw rapport ta' implimentazzjoni sat-30 ta' Settembru 2023 li jagħti dettalji dwar l-azzjonijiet appoġġati u n-nefqa mġarrba u mħallsa matul il-perjodu ta' eliġibbiltà kif ukoll il-valuri għal sett ta' indikaturi tal-output. L-Istati Membri se jkollhom jiżguraw ukoll il-viżibbiltà u t-trasparenza tal-interventi u tal-benefiċjarji. Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni biex teżamina l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-UE għar-Riżerva. Wara l-valutazzjoni u d-deċiżjonijiet tagħha dwar l-allokazzjoni finali, il-Kummissjoni se tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport komprensiv dwar l-attività tar-Riżerva sat-30 ta' Ġunju 2027.

---

[6] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021sa 2027 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 11).

[7] EUCO 10/20, CO EUR 8, CONCL 4 tal-21 ta' Lulju 2020 — paragrafi A26 u 134.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Kamp ta' Applikazzjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit. Din se tipprovdi kontribuzzjonijiet finanzjarji lill-Istati Membri biex jiġġieldu l-konsegwenzi negattivi fl-Istati Membri, fir-reġjuni u fis-setturi, b'mod partikolari dawk li huma l-aktar milquta mill-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, bil-għan li jittaffa l-impatt tiegħu fuq il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali.

Eliġibbiltà

Il-perjodu ta' eliġibbiltà għan-nefqa pubblika diretta se jkun mill-1 ta' Lulju 2020 sal-31 ta' Diċembru 2022. Ir-Regolament fih lista komprensiva iżda mhux esklussiva ta' tipi ta' nefqa eliġibbli għal miżuri stabbiliti speċifikament, inkluż għal reġjuni, żoni, negozji, setturi u komunitajiet lokali affettwati b'mod negattiv mill-ħruġ. Ir-Regolament jiddefinixxi wkoll ċerti tipi ta' nfiq li mhumiex eliġibbli.

Ġestjoni finanzjarja

Ir-Riżerva se tkopri l-Istati Membri kollha u se tiġi attivata f'żewġ allokazzjonijiet — l-ewwel waħda fl-2021 fil-forma ta' prefinanzjament sostanzjali, u t-tieni waħda fl-2024 bħala pagament ta' kontribuzzjoni addizzjonali mir-Riżerva. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni se tqis l-użu tal-prefinanzjament u n-nefqa ġenerali eliġibbli aċċettata mill-Kummissjoni li taqbeż kemm l-ammont tal-prefinanzjament kif ukoll 0.06 % tal-ING nominali tal-2021. Il-Kummissjoni se tistabbilixxi l-ammonti rilevanti għall-allokazzjoni tal-prefinanzjament permezz ta' att ta' implimentazzjoni li, minħabba l-eċċezzjonalità, l-inċertezza tal-livell tal-impatt u l-ħtieġa ta' reazzjoni rapida mill-Istati Membri, mhux se jinkludi deskrizzjoni tal-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati kif stipulat fl-Artikolu 110(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Metodu ta' allokazzjoni għall-prefinanzjament

Il-metodu ta' allokazzjoni għall-prefinanzjament se jkun ibbażat fuq statistika uffiċjali li hija affidabbli u komparabbli. Dan se jqis l-importanza tal-kummerċ mar-Renju Unit u l-importanza tas-sajd fiż-żona ekonomika esklussiva tar-Renju Unit. Il-metodu ta' allokazzjoni għall-prefinanzjament se jkun stabbilit fl-Anness I tar-Regolament sabiex tiġi żgurata trasparenza sħiħa.

Sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva

L-Istati Membri se jkollhom jissottomettu applikazzjonijiet (formola hija pprovduta fl-Anness II tar-Regolament) għal kontribuzzjoni mir-Riżerva sat-30 ta' Settembru 2023, bid-dettalji tal-informazzjoni dwar in-nefqa pubblika totali mġarrba u mħallsa mill-Istat Membru mill-1 ta' Lulju 2020 sal-31 ta' Diċembru 2022. Din l-applikazzjoni se tiddeskrivi wkoll kif intuża l-prefinanzjament. In-natura speċifika tal-istrument u l-perjodu ta' implimentazzjoni relattivament qasir jiġġustifikaw l-istabbiliment ta' perjodu ta' referenza mfassal apposta u r-rekwiżit ta' applikazzjoni unika fl-2023. Peress li fl-istess ħin, ir-riskji għall-baġit tal-Unjoni huma mitigati mir-rekwiżit li tiġi stabbilita sistema solida ta' ġestjoni u kontroll mill-Istati Membri, huwa ġġustifikat li ssir deroga mill-obbligu li d-dokumenti msemmija fil-paragrafi 5, 6 u 7 tal-Artikolu 63 tar-Regolament Finanzjarju jiġu ppreżentati fi Frar jew Marzu ta' kull sena.

L-applikazzjoni se tkun akkumpanjata minn rapport ta' implimentazzjoni, li jagħti dettalji, fost l-oħrajn, tal-miżuri meħuda biex jiġu miġġielda l-konsegwenzi negattivi tal-ħruġ tar-

Renju Unit mill-Unjoni, u kif ġew implimentati, dikjarazzjoni ta' ġestjoni u opinjoni tal-awditjar indipendenti li tkopri l-perjodu ta' referenza għar-Riżerva.

Valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-applikazzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja, approvazzjoni tal-prefinanzjament u kalkolu tal-ammonti addizzjonali

Ladarba l-Istati Membri jippreżentaw l-applikazzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja sal-iskadenza unika tat-30 ta' Settembru 2023, il-Kummissjoni se tivvaluta l-applikazzjonijiet f'pakkett, filwaqt li tiggarantixxi trattament ekwu tal-Istati Membri kollha u tiżgura konsistenza fl-evalwazzjoni. Il-Kummissjoni se teżamina b'mod partikolari l-eliġibbiltà u l-preċiżjoni tan-nefqa ddikjarata, ir-rabta tagħha ma' tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni u l-effetti ekonomiċi tagħha, u l-miżuri stabbiliti biex jiġi evitat finanzjament doppju kif ukoll id-dokumenti ta' sostenn (ir-rapport ta' implimentazzjoni, id-dikjarazzjoni ta' ġestjoni u r-rapport tal-awditjar indipendenti). Fil-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva, il-Kummissjoni se tapprova l-prefinanzjament imħallas, u tirkupra l-ammonti mhux użati. Fejn in-nefqa aċċettata bħala eliġibbli taqbeż l-ammont imħallas fil-prefinanzjament u 0.06 % tal-ING nominali tal-2021, jistgħu jitħallsu ammonti addizzjonali mir-Riżerva biex jikkontribwixxu għall-ammonti eċċessivi, fil-limiti tar-riżorsi finanzjarji disponibbli. L-ammonti rkuprati jew riportati mill-prefinanzjament jistgħu jintużaw għar-rimborż ta' nefqa addizzjonali mill-Istati Membri, sakemm ikun hemm domanda.

Ġestjoni u kontroll

Il-baġit allokat għar-Riżerva se jiġi implimentat taħt ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri, li jiggarantixxi r-rispett sħiħ tal-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja tajba, it-trasparenza u n-nondiskriminazzjoni u n-nuqqas ta' kunflitt ta' interess. B'mod partikulari, l-Istati Membri se jkollhom jistabbilixxu sistema ta' ġestjoni u kontroll u jaħtru korpi responsabbli għall-ġestjoni tar-Riżerva u korp indipendenti tal-awditjar. Ir-Regolament jistabbilixxi b'mod ċar ir-responsabbiltajiet għall-Istati Membri u sett minimu ta' rekwiżiti għall-korpi responsabbli għall-ġestjoni, il-kontroll u l-awditjar tal-kontribuzzjoni finanzjarja taħt ir-Riżerva. L-Istati Membri jeħtieġ li jistabbilixxu sistemi li għandhom l-għan li jipprevjenu, jidentifikaw u jittrattaw b'mod effettiv kwalunkwe irregolarità, inkluż frodi.

L-Istati Membri jeħtieġ li jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-identità tal-korpi maħtura u tal-korp li lilu għandu jitħallas il-prefinanzjament, u jikkonfermaw li d-deskrizzjonijiet tas-sistemi tfasslu fi żmien tliet xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Għal raġunijiet ta' simplifikazzjoni, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu użu mill-korpi u s-sistemi maħtura eżistenti stabbiliti għall-fini tal-ġestjoni u l-kontroll tal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni jew tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kummissjoni se tieħu azzjonijiet xierqa biex tiżgura li l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jkunu protetti, inklużi korrezzjonijiet finanzjarji.

2020/0380 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit.

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 175 u l-Artikolu 322(1)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[8],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[9],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri[10],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Fl-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ("Ir-Renju Unit") ħareġ mill-Unjoni Ewropea ("UE") u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("Euratom") – minn hawn 'il quddiem b'mod kollettiv imsejħin "l-Unjoni", u daħal f'perjodu ta' tranżizzjoni. Dak il-perjodu ta' żmien limitat sar qbil dwaru bħala parti mill-Ftehim dwar il-Ħruġ[11] u se jdum sal-31 ta' Diċembru 2020. Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-Unjoni u r-Renju Unit bdew negozjati formali dwar relazzjoni futura.

(2) Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, se jkunu preżenti ostakli għall-kummerċ u għall-iskambji transfruntiera bejn l-Unjoni u r-Renju Unit. Huma mistennija konsegwenzi wiesgħa u estensivi għan-negozji, iċ-ċittadini u l-amministrazzjonijiet pubbliċi. Dawk il-konsegwenzi ma jistgħux jiġu evitati u l-partijiet interessati jeħtieġ li jiżguraw li jkunu lesti għalihom.

(3) L-Unjoni hija impenjata li ttaffi l-impatt ekonomiku tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni u li turi solidarjetà mal-Istati Membri kollha, speċjalment dawk l-aktar affettwati f'ċirkostanzi eċċezzjonali bħal dawn.

(4) Jenħtieġ li tiġi stabbilita Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ir-Riżerva) biex tipprovdi appoġġ għal konsegwenzi negattivi fl-Istati Membri, fir-reġjuni u fis-setturi, b'mod partikolari dawk li huma l-aktar milquta mill-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, bil-għan li jittaffa l-impatt tiegħu fuq il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. Jenħtieġ li tkopri kompletament jew parzjalment in-nefqa pubblika addizzjonali

8 ĠU C , , p. .
9 ĠU C , , p. .
10 ĠU C , , p. .
11 Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("Il-Ftehim dwar il-Ħruġ") (ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7).

mġarrba mill-Istati Membri għal miżuri speċifikament meħuda biex itaffu dawk il-konsegwenzi.

(5) Għall-finijiet ta' kontribuzzjoni għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, huwa xieraq li l-Istati Membri, meta jfasslu l-miżuri ta' appoġġ, jiffokaw b'mod partikolari fuq ir-reġjuni, iż-żoni u l-komunitajiet lokali, inklużi dawk dipendenti fuq l-attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tar-Renju Unit, li x'aktarx jintlaqtu l-aktar ħażin mill-ħruġ tar-Renju Unit. L-Istati Membri jista' jkollhom jieħdu miżuri speċifiċi b'mod partikolari biex jappoġġaw lin-negozji u lis-setturi ekonomiċi affettwati b'mod negattiv mill-ħruġ. Għalhekk huwa xieraq li tiġi pprovduta lista mhux eżawrjenti tat-tip ta' miżuri li huma l-aktar probabbli li jilħqu dan l-objettiv.

(6) Fl-istess ħin, huwa importanti li jiġu speċifikati b'mod ċar kwalunkwe esklużjonijiet mill-appoġġ ipprovdut mir-Riżerva. Jenħtieġ li r-Riżerva teskludi mill-appoġġ it-taxxa fuq il-valur miżjud peress li din tikkostitwixxi dħul ta' Stat Membru, li jagħmel tajjeb għall-ispiża relatata għall-baġit tal-Istat Membru. Sabiex jiġi kkonċentrat l-użu ta' riżorsi limitati bl-aktar mod effiċjenti, jenħtieġ li l-assistenza teknika użata mill-korpi responsabbli għall-implimentazzjoni tar-Riżerva ma tkunx eliġibbli għal appoġġ mir-Riżerva. F'konformità mal-approċċ ġenerali għall-politika ta' koeżjoni, jenħtieġ li ma tkunx appoġġjata n-nefqa marbuta mar-rilokazzjonijiet jew li tmur kontra kwalunkwe liġi tal-Unjoni jew nazzjonali applikabbli.

(7) Sabiex jitqies l-impatt immedjat tal-konsegwenzi negattivi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni fuq l-Istati Membri u l-ekonomiji tagħhom u l-ħtieġa li jiġu adottati miżuri ta' mitigazzjoni, kif xieraq, qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' tranżizzjoni, il-perjodu ta' eliġibbiltà għall-implimentazzjoni ta' tali miżuri jenħtieġ li jibda mill-1 ta' Lulju 2020 u jkun ikkonċentrat fuq perjodu limitat ta' 30 xahar.

(8) Għandu jiġi speċifikat li l-baġit allokat għar-Riżerva jenħtieġ li jiġi implimentat mill-Kummissjoni b'ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri skont it-tifsira tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12] (ir-"Regolament Finanzjarju"). Għalhekk huwa xieraq li jiġu ddeterminati l-prinċipji u l-obbligi speċifiċi li l-Istati Membri jenħtieġ li jirrispettaw, b'mod partikolari l-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba, it-trasparenza u n-nondiskriminazzjoni u n-nuqqas ta' kunflitt ta' interess.

(9) Ir-regoli finanzjarji orizzontali adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fuq il-bażi tal-Artikolu 322 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) japplikaw għal dan ir-Regolament. Dawn ir-regoli huma stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju u jiddeterminaw b'mod partikolari l-proċedura għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit, u jipprovdu kontrolli fuq ir-responsabbiltà tal-atturi finanzjarji. Ir-regoli adottati abbażi tal-Artikolu 322 TFUE jikkonċernaw ukoll ir-reġim ġenerali ta' kundizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni.

(10) Għall-fini ta' ġestjoni finanzjarja tajba, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi għal impenji baġitarji, pagamenti, riporti u l-irkupru tar-Riżerva. Filwaqt li jirrispetta l-prinċipju li l-baġit tal-Unjoni jiġi stabbilit kull sena, dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprevedi possibbiltajiet ta' riport ta' fondi mhux użati lil hinn minn dawk stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju, u b'hekk jimmassimizza l-kapaċità tar-Riżerva li tindirizza l-konsegwenzi negattivi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni fuq l-Istati Membri u l-ekonomiji tagħhom.

---

[12] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

(11) Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jużaw ir-riżorsi addizzjonali u biex jiżguraw mezzi finanzjarji suffiċjenti biex jimplimentaw malajr il-miżuri taħt ir-Riżerva, fl-2021 jenħtieġ li jiġi żborżat ammont sostanzjali minnhom bħala prefinanzjament. Il-metodu ta' distribuzzjoni jenħtieġ li jqis l-importanza tal-kummerċ mar-Renju Unit u l-importanza tas-sajd fiż-żona ekonomika esklussiva tar-Renju Unit, abbażi ta' statistika affidabbli u uffiċjali. Minħabba n-natura unika tal-avveniment li jikkostitwixxi l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni u l-inċertezza madwar aspetti ewlenin tar-relazzjoni bejn ir-Renju Unit u l-Unjoni wara l-iskadenza tal-perjodu ta' tranżizzjoni, huwa diffiċli li jiġu antiċipati l-miżuri xierqa li l-Istati Membri se jkollhom jieħdu malajr biex jilqgħu għall-effetti tal-ħruġ. Huwa għalhekk meħtieġ li l-Istati Membri jingħataw flessibbiltà u b'mod partikolari li l-Kummissjoni titħalla tadotta d-deċiżjoni ta' finanzjament li tipprovdi l-prefinanzjament mingħajr l-obbligu skont l-Artikolu 110(2) tar-Regolament Finanzjarju li tipprovdi deskrizzjoni tal-azzjonijiet konkreti li għandhom jiġu ffinanzjati.

(12) Qabel il-pagament tal-prefinanzjament, l-Istati Membri jeħtieġ li jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-identità tal-korpi maħtura u tal-korp li lilu għandu jitħallas il-prefinanzjament, u jikkonfermaw li d-deskrizzjonijiet tas-sistemi tfasslu fi żmien tliet xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

(13) Sabiex jiġi żgurat trattament ugwali tal-Istati Membri kollha, jenħtieġ li jkun hemm skadenza waħda applikabbli għall-Istati Membri kollha għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva. In-natura speċifika tal-istrument u l-perjodu ta' implimentazzjoni relattivament qasir jiġġustifikaw l-istabbiliment ta' perjodu ta' referenza mfassal apposta u jrendu sproporzjonat ir-rekwiżit għall-Istati Membri li jipprovdu d-dokumenti meħtieġa fil-paragrafi 5, 6 u 7 tal-Artikolu 63 tar-Regolament Finanzjarju, fuq bażi annwali. Peress li fl-istess ħin, ir-riskji għall-baġit tal-Unjoni huma mitigati mir-rekwiżit li tiġi stabbilita sistema solida ta' ġestjoni u kontroll mill-Istati Membri, huwa ġġustifikat li ssir deroga mill-obbligu li jiġu ppreżentati d-dokumenti meħtieġa fi Frar jew Marzu ta' kull sena. Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tivverifika l-korrettezza tal-użu tal-kontribuzzjoni finanzjarja tar-Riżerva, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu obbligati wkoll jissottomettu, bħala parti mill-applikazzjoni, rapporti ta' implimentazzjoni li jipprovdu aktar dettall dwar l-azzjonijiet iffinanzjati, dikjarazzjoni ta' ġestjoni kif ukoll opinjoni ta' korp indipendenti tal-awditjar, imfassla skont standards tal-awditjar aċċettati internazzjonalment.

(14) Skont il-paragrafi 22 u 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016[13], hemm ħtieġa għal evalwazzjoni tar-Riżerva abbażi tal-informazzjoni miġbura permezz ta' rekwiżiti ta' monitoraġġ speċifiċi, filwaqt li jiġu evitati r-regolamentazzjoni żejda u l-piżijiet amministrattivi, b'mod partikolari fuq l-Istati Membri. Fejn ikun xieraq, dawn ir-rekwiżiti jenħtieġ li jinkludu indikaturi kwantifikabbli, bħala bażi tal-evalwazzjoni tar-Riżerva.

(15) Sabiex jiġi żgurat trattament ugwali tal-Istati Membri kollha u konsistenza fl-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet, il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta l-applikazzjonijiet f'pakkett. Jenħtieġ li tħares b'mod partikolari lejn l-eliġibbiltà u l-preċiżjoni tan-nefqa ddikjarata, ir-rabta diretta tan-nefqa mal-miżuri meħuda biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-ħruġ u l-miżuri stabbiliti mill-Istat Membru kkonċernat biex jiġi evitat finanzjament doppju. Wara l-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għal

[13] Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1).

kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tapprova l-prefinanzjament imħallas, u tirkupra l-ammonti mhux użati. Sabiex l-appoġġ jiġi kkonċentrat fuq l-Istati Membri l-aktar affettwati mill-ħruġ, fejn in-nefqa fl-Istat Membru kkonċernat, aċċettata bħala eliġibbli mill-Kummissjoni, taqbeż l-ammont imħallas bħala prefinanzjament u 0.06 % tal-Introjtu Nazzjonali Gross (ING) nominali għall-2021 tal-Istat Membru kkonċernat, jenħtieġ li jkun possibbli li tiġi permessa allokazzjoni ulterjuri mir-Riżerva għal dak l-Istat Membru fil-limiti tar-riżorsi finanzjarji disponibbli. Minħabba l-firxa tax-xokk ekonomiku mistenni, jenħtieġ li jsir provvediment għall-possibbiltà li jintużaw l-ammonti rkuprati mill-prefinanzjament għar-rimborż tan-nefqa addizzjonali mill-Istati Membri.

(16) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tal-ġestjoni kondiviża, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu sistema ta' ġestjoni u kontroll, jaħtru u jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-korpi responsabbli għall-ġestjoni tar-Riżerva kif ukoll dwar korp indipendenti tal-awditjar separat. Għal raġunijiet ta' simplifikazzjoni, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu użu mill-korpi u s-sistemi maħtura eżistenti stabbiliti għall-fini tal-ġestjoni u l-kontroll tal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni jew tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea. Jeħtieġ li jiġu speċifikati r-responsabbiltajiet tal-Istati Membri u li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti speċifiċi għall-korpi maħtura.

(17) Skont ir-Regolament Finanzjarju, ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95[14], ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96[15] u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939[16], l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jridu jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inklużi l-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet u ta' frodi, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew li ntużaw b'mod mhux korrett u, fejn ikun xieraq, l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi. B'mod partikolari, skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17] u r-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet amministrativi, inklużi verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, bil-ħsieb li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. F'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1939, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) jista' jinvestiga u jressaq każijiet ta' frodi u reati kriminali oħrajn li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[18]. Skont ir-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni trid tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-UPPE u

---

14 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1).

15 Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

16 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

17 Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

18 Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29).

lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u tiżgura li kwalunkwe parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti.

(18) Jenħtieġ li l-Istati Membri jqajmu kuxjenza dwar il-kontribuzzjoni tal-Unjoni mir-Riżerva u jinfurmaw lill-pubbliku kif xieraq peress li l-attivitajiet ta' trasparenza, komunikazzjoni u viżibbiltà huma essenzjali biex l-azzjoni tal-Unjoni ssir viżibbli fuq il-post. Dawk l-attivitajiet jenħtieġ li jkunu bbażati fuq informazzjoni preċiża u aġġornata.

(19) Sabiex tissaħħaħ it-trasparenza dwar l-użu tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi rapport finali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Riżerva.

(20) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-istabbiliment tar-riżorsi finanzjarji disponibbli għal kull Stat Membru, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni.

(21) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat skont l-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[19] u ta l-opinjoni tiegħu fi […[20]].

(22) L-objettivi ta' dan ir-Regolament huma li tinżamm il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u li tiġi pprovduta għodda ta' solidarjetà għall-Istati Membri meta jittrattaw l-effetti tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni li jaffettwaw lill-Unjoni kollha kemm hi għalkemm b'severità differenti fost ir-reġjuni u s-setturi. Dawn l-għanijiet ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, u għaldaqstant, minħabba l-iskala u l-effetti ta' dan ir-Regolament, jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni. B'hekk, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-istess Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq dak l-objettiv.

(23) Sabiex tkun tista' ssir applikazzjoni fil-pront tal-miżuri previsti, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I
Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 1

Suġġett

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ir-"Riżerva").

2. Huwa jistabbilixxi l-objettivi tar-Riżerva, ir-riżorsi tagħha, il-forom ta' finanzjament tal-Unjoni u r-regoli għall-implimentazzjoni tar-Riżerva, inkluż għall-eliġibbiltà tan-nefqa, għall-ġestjoni u l-kontroll, u l-ġestjoni finanzjarja.

---

19 Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill- istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

20 ĠU C… .

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "perjodu ta' referenza" tfisser il-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 63(5), il-punt (a), tar-Regolament Finanzjarju, li għandu jkun mill-1 ta' Lulju 2020 sal-31 ta' Diċembru 2022;

(2) "liġi applikabbli" tfisser il-liġi tal-Unjoni u l-liġi nazzjonali relatata mal-applikazzjoni tagħha;

(3) "irregolarità" tfisser kull ksur tal-liġi tal-Unjoni jew ta' liġi nazzjonali relatata mal-applikazzjoni tagħha, li jirriżulta minn att jew ommissjoni minn kwalunkwe entità pubblika jew privata involuta fl-implimentazzjoni tar-Riżerva, inklużi l-awtoritajiet tal-Istati Membri, li jkollu, jew jista' jkollu, l-effett li jippreġudika l-baġit tal-Unjoni billi jitlob pagament għal element mhux ġustifikat ta' nefqa mill-baġit tal-Unjoni;

(4) "rata ta' żball totali" tfisser l-iżbalji totali identifikati fil-kampjun diviżi bil-popolazzjoni tal-awditjar;

(5) "rata ta' żbalji residwi" tfisser ir-rata ta' żball totali wara li jitnaqqsu l-korrezzjonijiet finanzjarji applikati mill-Istat Membru li jkunu intiżi biex inaqqsu r-riskji identifikati mill-korp tal-awditjar indipendenti fl-awditi tiegħu tal-miżuri ffinanzjati, diviża bin-nefqa li trid tiġi koperta mill-kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva;

(6) "Rilokazzjoni" tfisser trasferiment tal-istess attività jew attività simili jew parti minnha skont it-tifsira tal-Artikolu 2(61a) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014[21].

Artikolu 3

Objettivi

Ir-Riżerva għandha tipprovdi appoġġ biex jiġu miġġielda l-konsegwenzi negattivi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni fl-Istati Membri, fir-reġjuni u fis-setturi, b'mod partikolari dawk li huma l-aktar milquta minn dak il-ħruġ, u biex jittaffa l-impatt relatat fuq il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali.

Artikolu 4

Kopertura ġeografika u riżorsi għar-Riżerva

1. L-Istati Membri kollha għandhom ikunu eliġibbli għall-appoġġ mir-Riżerva .

2. Ir-riżorsi massimi għar-Riżerva għandhom ikunu ta' EUR 5 370 994 000 fi prezzijiet attwali.

3. Ir-riżorsi msemmija fil-paragrafu 2 għandhom jiġu allokati kif ġej:

   (a) ammont ta' prefinanzjament ta' EUR 4 244 832 000 għandu jkun disponibbli fl-2021 f'konformità mal-Artikolu 8;

   (b) ammonti addizzjonali ta' EUR 1 126 162 000 għandhom ikunu disponibbli fl-2024 f'konformità mal-Artikolu 11.

---

21 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1).

L-ammonti msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu ta’ dan il-paragrafu għandhom jitqiesu bħala prefinanzjament fis-sens tal-Artikolu 115(2), il-punt (b)(i), tar-Regolament Finanzjarju.

Kapitolu II
Eliġibbiltà

Artikolu 5

Eliġibbiltà

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva għandha tappoġġa biss in-nefqa pubblika marbuta direttament ma’ miżuri meħuda speċifikament mill-Istati Membri biex jikkontribwixxu għall-objettivi msemmija fl-Artikolu 3, u tista’ tkopri, b’mod partikolari dan li ġej:

   (a) miżuri li jgħinu n-negozji u l-komunitajiet lokali milquta ħażin mill-ħruġ;

   (b) miżuri li jappoġġaw l-aktar setturi ekonomiċi milquta;

   (c) miżuri li jappoġġaw in-negozji u l-komunitajiet lokali dipendenti fuq l-attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tar-Renju Unit;

   (d) miżuri li jappoġġaw l-impjiegi, inkluż permezz ta’ skemi ta’ xogħol b’ħinijiet iqsar, taħriġ mill-ġdid u taħriġ fis-setturi milquta;

   (e) miżuri li jiżguraw il-funzjonament tal-kontrolli tal-fruntieri, doganali, sanitarji u fitosanitarji, tas-sigurtà u tas-sajd, kif ukoll il-ġbir ta’ tassazzjoni indiretta inkluż persunal u infrastruttura addizzjonali;

   (f) miżuri biex jiffaċilitaw ir-reġimi għaċ-ċertifikazzjoni u l-awtorizzazzjoni ta’ prodotti, biex jassistu fl-ilħuq tar-rekwiżiti ta’ stabbiliment, biex jiffaċilitaw it-tikkettar u l-immarkar, pereżempju għal standards tas-sikurezza, tas-saħħa u ambjentali, kif ukoll biex jassistu fir-rikonoxximent reċiproku;

   (g) miżuri għall-komunikazzjoni, l-informazzjoni u s-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini u n-negozji dwar il-bidliet li jirriżultaw mill-ħruġ fuq id-drittijiet u l-obbligi tagħhom.

2. In-nefqa għandha tkun eliġibbli jekk issir u titħallas matul il-perjodu ta’ referenza għall-miżuri mwettqa fl-Istat Membru kkonċernat jew għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat.

3. Meta jfasslu l-miżuri ta’ appoġġ, l-Istati Membri għandhom iqisu l-impatt varjat tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni fuq reġjuni u komunitajiet lokali differenti u jiffukaw l-appoġġ mir-Riżerva fuq dawk l-aktar milquta, kif xieraq.

4. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jikkonformaw mal-liġi applikabbli.

5. Miżuri eliġibbli skont il-paragrafu 1 jistgħu jirċievu appoġġ minn programmi u strumenti oħrajn tal-Unjoni sakemm dak l-appoġġ ma jkunx ikopri l-istess kost.

6. L-Istat Membru għandu jħallas lura l-kontribuzzjoni mir-Riżerva għal azzjoni li tkun tikkonsisti f’investiment fl-infrastruttura jew investiment produttiv, jekk fi żmien ħames snin mill-pagament finali lir-riċeventi tal-kontribuzzjoni finanzjarja jew fil-perjodu ta’ żmien stabbilit fir-regoli tal-għajnuna mill-Istat, meta jkun applikabbli, din l-operazzjoni tkun soġġetta għal kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) waqfien jew trasferiment ta' attività produttiva barra mill-Istat Membru fejn tkun irċeviet l-appoġġ;

(b) bidla tas-sjieda ta' oġġett infrastrutturali li tagħti vantaġġ indebitu lil impriża jew lil korp pubbliku;

(c) bidla sostanzjali li taffettwa n-natura, l-objettivi jew il-kundizzjonijiet tal-implimentazzjoni tagħha, li jirriżulta fl-imminar tal-objettivi oriġinali tagħha.

L-Istati Membri jistgħu jnaqqsu l-limiti ta' żmien stabbiliti fl-ewwel subparagrafu għal tliet snin f'dawk il-każijiet li jikkonċernaw iż-żamma ta' investimenti jew impjiegi maħluqin minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

Dan il-paragrafu ma għandu japplika għal ebda azzjoni li tgħaddi minn waqfien ta' attività produttiva minħabba falliment mhux frawdolenti.

Artikolu 6

Esklużjoni mill-appoġġ

Ir-Riżerva ma għandhiex tappoġġa:

(a) it-taxxa fuq il-valur miżjud;

(b) l-assistenza teknika għall-ġestjoni, il-monitoraġġ, l-informazzjoni u l-komunikazzjoni, ir-riżoluzzjoni tal-ilmenti, u l-kontroll u l-awditjar tar-Riżerva;

(c) nefqa li tappoġġa r-rilokazzjoni kif definita fl-Artikolu 2(6);

(d) nefqa li tappoġġa r-rilokazzjoni f'konformità mal-Artikolu 14(16) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014, meta kontribuzzjoni mir-Riżerva tkun tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat.

Kapitolu III
Ġestjoni finanzjarja

Artikolu 7

Implimentazzjoni u forom ta' finanzjament mill-Unjoni

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva lil Stat Membru għandha tiġi implimentata fil-qafas ta' ġestjoni kondiviża f'konformità mal-Artikolu 63 tar-Regolament Finanzjarju.

2. L-Istati Membri għandhom jużaw il-kontribuzzjoni mir-Riżerva biex jimplimentaw il-miżuri msemmija fl-Artikolu 5 biex jipprovdu forom ta' appoġġ li ma jitħallsux lura. Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għandha tieħu l-forma ta' rimborż tal-ispejjeż eliġibbli effettivament imġarrbin u mħallsin mill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-miżuri.

3. L-impenji u l-pagamenti skont dan ir-Regolament għandhom ikunu soġġetti għad-disponibbiltà tal-finanzjament.

4. B'deroga mill-paragrafi 5, 6 u 7 tal-Artikolu 63 tar-Regolament Finanzjarju, id-dokumenti msemmija f'dawk id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu ppreżentati darba, skont l-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament.

5. B'deroga mill-Artikolu 12 tar-Regolament Finanzjarju, l-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament mhux użati skont dan ir-Regolament għandhom jiġu riportati

awtomatikament u jistgħu jintużaw sal-31 ta' Diċembru 2025. L-approprjazzjonijiet riportati għandhom jiġu kkonsmati l-ewwel fis-sena finanzjarja ta' wara.

Artikolu 8

Prefinanzjament

1. Il-kriterji ta' allokazzjoni għall-prefinanzjament li jrid jitħallas mill-Kummissjoni lill-Istati Membri huma stabbiliti fl-Anness I.

2. Soġġett għall-wasla tal-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 13(1), il-punt (d), ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi t-tqassim tar-riżorsi msemmijin fl-Artikolu 4(3)(a) ta' dan ir-Regolament għal kull Stat Membru. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jikkostitwixxi deċiżjoni ta' finanzjament skont it-tifsira tal-Artikolu 110(1) tar-Regolament Finanzjarju u l-impenn legali skont it-tifsira ta' dak ir-Regolament. B'deroga mill-Artikolu 110(2) tar-Regolament Finanzjarju, dik id-deċiżjoni ta' finanzjament ma għandhiex tinkludi deskrizzjoni tal-azzjonijiet li jridu jiġu ffinanzjati.

3. Il-Kummissjoni għandha tħallas il-prefinanzjament fi żmien 60 jum mid-data tal-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 2. Dan għandu jiġi likwidat f'konformità mal-Artikolu 11.

4. L-ammonti allokati iżda mhux imħallsin bħala prefinanzjament għandhom jiġu riportati u għandhom jintużaw għal pagamenti addizzjonali skont l-Artikolu 11(3).

Artikolu 9

Preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva

1. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw applikazzjoni lill-Kummissjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva sat-30 ta' Settembru 2023. Il-Kummissjoni għandha teżamina din l-applikazzjoni u tistabbilixxi jekk ikunux dovuti ammonti addizzjonali lill-Istati Membri jew jekk hemmx xi ammonti li jenħtieġ li jiġu rkuprati mingħand l-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 11.

2. Meta Stat Membru ma jippreżentax applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva sal-30 ta' Settembru 2023, il-Kummissjoni għandha tirkupra l-ammont totali mħallas bħala prefinanzjament lil dak l-Istat Membru.

Artikolu 10

Kontenut tal-applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja

1. L-applikazzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-mudell stabbilit fl-Anness II. L-applikazzjoni għandha tinkludi informazzjoni dwar in-nefqa pubblika totali mġarrba u mħallsa mill-Istati Membri u l-valuri tal-indikaturi tal-output għall-miżuri appoġġati. Din għandha tkun akkumpanjata mid-dokumenti msemmijin fil-paragrafi 5, 6 u 7 tal-Artikolu 63 tar-Regolament Finanzjarju u minn rapport ta' implimentazzjoni.

2. Ir-rapport ta' implimentazzjoni għar-Riżerva għandu jinkludi:

   (a) deskrizzjoni tal-impatt tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni f'termini ekonomiċi u soċjali inkluża identifikazzjoni tar-reġjuni, l-oqsma u s-setturi l-aktar milqutin;

(b) deskrizzjoni tal-miżuri meħudin biex jiġu miġġielda l-konsegwenzi negattivi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, ta' kemm dawk il-miżuri taffew l-impatt reġjonali u settorjali msemmi fil-punt (a), u kif ġew implimentati;

(c) ġustifikazzjoni tal-eliġibbiltà tan-nefqa mġarrba u mħallsa u r-rabta diretta tagħha mal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni;

(d) deskrizzjoni tal-miżuri meħudin biex jiġi evitat finanzjament doppju u biex tiġi żgurata l-komplementarjetà ma' strumenti oħrajn tal-Unjoni u mal-finanzjament nazzjonali;

(e) deskrizzjoni tal-kontribut tal-miżuri għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih.

3. Is-sommarju msemmi fl-Artikolu 63(5), il-punt (b), tar-Regolament Finanzjarju għandu jistabbilixxi r-rata ta' żball totali u r-rata ta' żbalji residwi għan-nefqa mdaħħla fl-applikazzjoni ppreżentata lill-Kummissjoni, b'riżultat tal-azzjonijiet korrettivi implimentati.

Artikolu 11

Likwidazzjoni tal-prefinanzjament u kalkolu tal-ammonti addizzjonali dovuti lill-Istati Membri

1. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 10 għandha tissodisfa ruħha li l-applikazzjoni tkun kompluta, preċiża u veritiera. Meta tikkalkula l-kontribuzzjoni finanzjarja dovuta lill-Istat Membru mir-Riżerva, il-Kummissjoni għandha teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni n-nefqa għall-miżuri li ġew implimentati jew li saru żborżi għalihom bi ksur tal-liġi applikabbli.

2. Abbażi tal-valutazzjoni, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi dan li ġej:

(a) l-ammont totali tan-nefqa pubblika eliġibbli (l-"ammont aċċettat");

(b) jekk humiex dovuti ammonti addizzjonali lill-Istat Membru, f'konformità mal-paragrafu 3, jew jekk hemmx bżonn li jiġu rkuprati xi ammonti skont il-paragrafu 5.

3. Meta l-ammont aċċettat jaqbeż kemm l-ammont ta' prefinanzjament kif ukoll 0,06 % tal-ING nominali tal-2021 tal-Istat Membru kkonċernat, għandu jkun dovut lil dak l-Istat Membru ammont addizzjonali mill-allokazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(3), il-punt (b), u kwalunkwe ammont riportat skont l-Artikolu 8(4).

F'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha tħallas l-ammont li jaqbeż il-prefinanzjament imħallas lill-Istat Membru kkonċernat jew 0,06 % tad-DNG nominali tal-2021, skont liema minnhom ikun l-ogħla.

Meta s-somma tal-ammonti addizzjonali għall-Istati Membri kollha kkalkulata skont l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu taqbeż ir-riżorsi disponibbli f'konformità mal-Artikolu 4(3), il-punt (b), il-kontribuzzjonijiet mir-Riżerva għandhom jitnaqqsu proporzjonalment.

4. Fir-rigward tal-ammonti addizzjonali dovuti skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, l-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandu jikkostitwixxi deċiżjoni ta' finanzjament skont it-tifsira tal-Artikolu 110(1) tar-Regolament Finanzjarju u l-impenn legali skont it-tifsira ta' dak ir-Regolament.

5. Il-Kummissjoni għandha tapprova l-prefinanzjament rispettiv u tħallas kwalunkwe ammont addizzjonali dovut fi żmien 60 jum mill-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 2.

6. Meta l-ammont aċċettat ikun inqas mill-prefinanzjament għall-Istat Membru kkonċernat, id-differenza għandha tiġi rkuprata f'konformità mar-Regolament Finanzjarju, u b'mod partikolari l-Parti I, il-Kapitolu 6, it-Taqsimiet 3, 4 u 5 tiegħu. L-ammonti rkuprati għandhom jiġu ttrattati bħala dħul assenjat intern f'konformità mal-Artikolu 21(3), il-punt (b), tar-Regolament Finanzjarju u, meta jkun ġie applikat it-tielet subparagrafu tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, għandhom jintużaw biex jiżdiedu b'mod proporzjonali l-kontribuzzjonijiet imħallsin lill-Istati Membri eliġibbli għal ammonti addizzjonali skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu sa massimu ta' 100 %. F'każ li jkunu saru pagamenti lill-Istati Membri skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu b'rata ta' 100 %, l-ammonti rkuprati għandhom jingħataw lura lill-baġit ġenerali tal-Unjoni.

7. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi l-ammonti addizzjonali dovuti skont it-tieni sentenza tal-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jikkostitwixxi deċiżjoni ta' finanzjament skont it-tifsira tal-Artikolu 110(1) tar-Regolament Finanzjarju u l-impenn legali skont it-tifsira ta' dak ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tħallas kull ammont addizzjonali dovut fi żmien 60 jum mill-adozzjoni ta' dak l-att.

8. Qabel l-adozzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni msemmijin fil-paragrafi 2 u 7, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istat Membru bil-valutazzjoni tagħha u tistieden lill-Istat Membru jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu fi żmien xahrejn.

Artikolu 12
Użu tal-euro

Kwalunkwe ammont iddikjarat fl-applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja lill-Kummissjoni mill-Istati Membri għandu jkun denominat f'euro. L-Istati Membri li ma adottawx l-euro bħala l-munita tagħhom għandhom jikkonvertu l-ammonti fl-applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja f'euro bl-użu tar-rata tal-kambju tal-kontabbiltà mensili tal-Kummissjoni fix-xahar ta' qabel il-preżentazzjoni tal-applikazzjoni .

Kapitolu IV
Sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll

Artikolu 13
Ġestjoni u kontroll

1. Meta jkunu qed iwettqu kompiti relatati mal-implimentazzjoni tar-Riżerva, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha, inklużi miżuri leġiżlattivi, regolatorji u amministrattivi, biex iħarsu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, jiġifieri billi:

   (a) jinnominaw korp responsabbli għall-ġestjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva u korp tal-awditjar indipendenti f'konformità mal-Artikolu 63(3) tar-Regolament Finanzjarju, u s-superviżjoni ta' tali korpi;

   (b) jistabbilixxu sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll għar-Riżerva f'konformità mal-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja tajba u l-iżgurar li dawk is-sistemi jiffunzjonaw b'mod effettiv;

(c) ifasslu deskrizzjoni tas-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness III, iżommu d-deskrizzjoni aġġornata u jagħmluha aċċessibbli għall-Kummissjoni meta din titlobha;

(d) jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-identità tal-korpi nnominati u tal-korp li l-prefinanzjament għandu jitħallas lilu, u jikkonfermaw li d-deskrizzjonijiet tas-sistemi jkunu tfasslu, fi żmien tliet xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament;

(e) jiżguraw li n-nefqa appoġġata taħt programmi u strumenti oħrajn tal-Unjoni ma tkunx inkluża għall-appoġġ mir-Riżerva;

(f) jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-irregolaritajiet u l-frodi, u jevitaw il-kunflitti ta' interess inkluż permezz tal-użu ta' għodda unika għall-estrazzjoni tad-*data* pprovduta mill-Kummissjoni;

(g) jikkooperaw mal-Kummissjoni, mal-OLAF, mal-Qorti tal-Awdituri u, għal dawk l-Istati Membri li jipparteċipaw f'kooperazzjoni msaħħa skont ir-Regolament (UE) 2017/1939, mal-UPPE.

L-użu u l-aċċess għad-*data* pproċessata mill-għodda għall-estrazzjoni tad-*data* msemmija fil-punt (f) għandhom ikunu limitati għall-korpi msemmija fil-punt (a), il-Kummissjoni, l-OLAF, il-Qorti tal-Awdituri u, għal dawk l-Istati Membri li jipparteċipaw f'kooperazzjoni msaħħa skont ir-Regolament (UE) 2017/1939, mal-UPPE.

L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jitħallew jipproċessaw id-*data* personali biss meta jkun meħtieġ għall-fini li jwettqu l-obbligi rispettivi tagħhom skont dan ir-Regolament, u jipproċessaw id-*data* personali f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 2016/679[22] jew ir-Regolament (UE) 2018/1725, skont liema minnhom jkun applikabbli.

2. Għall-finijiet tal-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu użu mill-korpi u mis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll diġà fis-seħħ għall-implimentazzjoni tal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni jew tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea.

3. Il-korp responsabbli għall-ġestjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva għandu:

(a) jiżgura l-funzjonament ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti;

(b) jistabbilixxi kriterji u proċeduri għall-għażla tal-miżuri li jridu jiġu ffinanzjati u jiddetermina l-kundizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva;

(c) jivverifika li l-miżuri ffinanzjati mir-Riżerva jkunu implimentati f'konformità mal-liġi applikabbli u l-kundizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva, u li n-nefqa tkun ibbażata fuq dokumenti ta' sostenn verifikabbli;

(d) jistabbilixxi miżuri effettivi biex jiġi evitat finanzjament doppju tal-istess kostijiet mir-Riżerva u minn sorsi oħrajn ta' finanzjament tal-Unjoni;

(e) jiżgura l-pubblikazzjoni *ex post* f'konformità mal-paragrafi 2 sa 6 tal-Artikolu 38 tar-Regolament Finanzjarju;

[22] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

(f) juża sistema kontabilistika biex jirreġistra u jaħżen f'forma elettronika d-*data* dwar in-nefqa mġarrba li trid tkun koperta mill-kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva li tipprovdi informazzjoni preċiża, kompluta u affidabbli fil-ħin;

(g) iżomm id-dokumenti ta' sostenn kollha rigward in-nefqa li trid tiġi koperta mill-kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva disponibbli għal perjodu ta' ħames snin wara l-iskadenza għall-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja, u jittrasponi dan l-obbligu fi ftehimiet ma' entitajiet oħrajn involuti fl-implimentazzjoni tar-Riżerva;

(h) għall-finijiet tal-punt (f) tal-paragrafu 1, jiġbor l-informazzjoni f'format elettroniku standardizzat biex tkun tista' ssir l-identifikazzjoni tar-riċeventi ta' kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva u s-sidien benefiċjarji tagħhom f'konformità mal-Anness III.

4. Il-korp tal-awditjar indipendenti għandu jivverifika s-sistema u jwettaq verifiki ta' miżuri ffinanzjati sabiex jipprovdi assigurazzjoni indipendenti lill-Kummissjoni rigward il-funzjonament effettiv tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll u l-legalità u r-regolarità tan-nefqa inkluża fil-kontijiet ippreżentati lill-Kummissjoni.

Ix-xogħol tal-awditjar għandu jitwettaq f'konformità mal-istandards tal-awditjar aċċettati internazzjonalment.

Il-verifiki tal-miżuri ffinanzjati għandhom ikopru n-nefqa abbażi ta' kampjun. Dak il-kampjun għandu jkun rappreżentattiv u għandu jkun ibbażat fuq metodi tal-kampjunar statistiku.

Meta l-popolazzjoni tkun tikkonsisti f'inqas minn 300 unità tal-kampjunar, ikun jista' jintuża metodu ta' kampjunar mhux statistiku bbażat fuq il-ġudizzju professjonali tal-korp tal-awditjar indipendenti. F'każijiet bħal dawn id-daqs tal-kampjun għandu jkun biżżejjed biex jippermetti lill-korp tal-awditjar indipendenti jfassal opinjoni tal-awditjar valida. Il-metodu tal-kampjunar mhux statistiku għandu jkopri minimu ta' 10 % tal-unitajiet tal-kampjunar fil-popolazzjoni tas-sena kontabilistika, magħżula b'mod aleatorju.

5. Il-Kummissjoni tista' twettaq awditjar fuq il-post fl-istabbilimenti tal-entitajiet kollha involuti fl-implimentazzjoni tar-Riżerva fir-rigward tal-miżuri ffinanzjati mir-Riżerva u għandu jkollha aċċess għad-dokumenti ta' sostenn rigward in-nefqa li trid tiġi koperta mill-kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva.

Artikolu 14

Korrezzjonijiet finanzjarji

1. Il-korrezzjonijiet finanzjarji magħmula mill-Istat Membru f'konformità mal-Artikolu 13(1), il-punt (f), għandhom jikkonsistu fil-kanċellazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja kollha jew ta' parti minnha mill-Fond. L-Istat Membru għandu jirkupra kwalunkwe ammont mitluf b'riżultat ta' xi irregolarità li tinstab.

2. Il-Kummissjoni għandha tieħu azzjoni xierqa biex tiżgura li l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jkunu protetti permezz tal-esklużjoni tal-ammonti irregolari ppreżentati lill-Kummissjoni fl-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament mill-finanzjament tal-Unjoni u permezz tal-irkupru tal-ammonti mħallsin indebitament f'konformità mal-Artikolu 101 tar-Regolament Finanzjarju jekk sussegwentement jiġu identifikati xi irregolaritajiet.

3. Il-Kummissjoni għandha tibbaża l-korrezzjonijiet finanzjarji tagħha fuq każijiet individwali ta' irregolarità identifikati u għandha tqis jekk l-irregolarità tkunx sistemika. Meta ma jkunx possibbli li jiġi kkwantifikat b'mod preċiż l-ammont ta' nefqa irregolari, jew meta l-Kummissjoni tikkonkludi li s-sistema ma tkunx qed taħdem b'mod effettiv biex tissalvagwardja l-legalità u r-regolarità tan-nefqa, il-Kummissjoni għandha tapplika rata fissa jew korrezzjoni finanzjarja estrapolata. Il-Kummissjoni għandha tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità billi tqis in-natura u l-gravità tal-irregolarità u l-implikazzjonijiet finanzjarji tagħha għall-baġit tal-Unjoni.

4. Qabel l-irkupru tal-ammonti mħallsin indebitament jew l-applikazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istat Membru bil-valutazzjoni tagħha u tistieden lill-Istat Membru jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu fi żmien xahrejn.

Kapitolu IV
Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 15

Informazzjoni u komunikazzjoni

L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli biex jinfurmaw u jippubbliċizzaw liċ-ċittadini tal-Unjoni bir-rwol, ir-riżultati u l-impatt tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni mir-Riżerva permezz ta' azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni.

Artikolu 16

Evalwazzjoni u rapportar

1. Sat-30 ta' Ġunju 2026, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni biex teżamina l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-UE tar-Riżerva. Il-Kummissjoni tista' tuża l-informazzjoni rilevanti kollha diġà disponibbli f'konformità mal-Artikolu 128 tar-Regolament Finanzjarju.

2. Sat-30 ta' Ġunju 2027, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Artikolu 17

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit

1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) *(Cluster tal-programm)*

16 Nefqa barra mil-limiti massimi annwali stabbiliti fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali (l-Artikolu 16 02 03 ir-Riżerva ta’ Aġġustament għall-Brexit (RAB))

30 Riżervi (l-Artikolu 30 04 03 Riżerva ta’ Aġġustament għall-Brexit (RAB))

1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma’:

X azzjoni ġdida

☐ azzjoni ġdida segwita minn proġett pilota/azzjoni preparatorja[23]

☐ l-estensjoni ta’ azzjoni eżistenti

☐ fużjoni jew ridirezzjoni ta’ azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/azzjoni ġdida

1.4. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.4.1. Rekwiżit jew rekwiżiti li jridu jiġu ssodisfati fuq terminu qasir jew twil, inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika mill-ewwel jum wara li jkun intemm il-perjodu ta’ tranżizzjoni, skont il-ftehim dwar il-ħruġ konkluż mar-Renju Unit f’konformità mal-Artikolu 50(2) TUE.

Ir-Riżerva se tkopri l-Istati Membri kollha u se tiġi attivata kif ġej.

Fl-2021, il-Kummissjoni se tħallas l-ewwel allokazzjoni fil-forma ta’ prefinanzjament sostanzjali lill-Istati Membri kollha . Il-metodu tal-allokazzjoni tal-prefinanzjament se jkun ibbażat fuq statistika uffiċjali komparabbli u affidabbli. Dan se jiġi stabbilit fl-Anness I tar-Regolament propost.

Bejn l-1 ta’ Lulju 2020 u l-31 ta’ Diċembru 2022, meta jkun meħtieġ, l-Istati Membri se jieħdu u jimplimentaw miżuri marbutin direttament mal-mitigazzjoni tal-effetti negattivi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni.

Sat-30 ta’ Settembru 2023, l-Istati Membri se jippreżentaw l-applikazzjonijiet tagħhom għal kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva. L-applikazzjoni se tkun akkumpanjata minn rapport ta’ implimentazzjoni, dikjarazzjoni ta’ ġestjoni u opinjoni tal-awditjar indipendenti li tkopri l-perjodu ta’ referenza għar-Riżerva.

Fl-2024, il-Kummissjoni se tapprova l-prefinanzjament u, meta jkun applikabbli, se tħallas l-ammonti addizzjonali mir-Riżerva.

Sat-30 ta’ Ġunju 2027, il-Kummissjoni se tippreżenta rapport ta’ implimentazzjoni tar-Riżerva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

[23] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

1.4.2. *Il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. titjib fil-koordinazzjoni, ċertezza tad-dritt, effettività jew komplementarjetajiet akbar). Għall-finijiet ta' dan il-punt, "il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

Ir-raġuni għat-twaqqif tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit hija li tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u tintwera solidarjetà tanġibbli mal-Istati Membri, ir-reġjuni u s-setturi l-aktar milqutin mill-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni.

Hija meħtieġa azzjoni fil-livell tal-Unjoni sabiex jittaffew l-effetti negattivi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni. Dan l-għan ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri jekk jaġixxu waħedhom, filwaqt li l-intervent tal-Unjoni jista' jġib valur addizzjonali billi jistabbilixxi Riżerva mmirata lejn l-appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri biex jittaffa l-impatt ekonomiku u soċjetali kkawżat mill-ħruġ.

1.4.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Strumenti oħrajn fil-livell tal-Unjoni jappoġġaw il-koeżjoni u s-solidarjetà. Il-fondi tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk koperti mir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni), jiffinanzjaw proġetti ta' investiment li jappoġġaw il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u t-tkabbir. Il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta għandu l-għan li jtaffi l-effetti negattivi tat-tranżizzjoni klimatika billi jappoġġa l-aktar territorji milqutin u l-aktar ħaddiema kkonċernati. InvestEU jipprovdi finanzjament għal proġetti ta' investiment privat skont twieqi ta' politika differenti. Il-Fond ta' Solidarjetà tal-UE wera li huwa strument effettiv ħafna fl-għoti ta' assistenza lill-Istati Membri wara diżastri naturali. Reċentement, il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu twessa' wkoll biex ikopri emerġenzi tas-saħħa kbar. Fil-ħarifa tal-2019 ġiet ippreżentata mill-Kummissjoni proposta għall-modifika tiegħu biex jiġi jkopri wkoll l-effetti tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni mingħajr ftehim, iżda saret obsoleta peress li finalment ġie ffirmat ftehim.

Bħalissa ma hemm l-ebda strument li jipprovdi appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri, speċifikament u direttament marbutin mal-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni. L-arkitettura tiegħu tqis is-sitwazzjoni bla preċedent għall-Istati Membri, l-uniċità tagħha u l-ħtieġa li dawn jirreaġixxu malajr u b'mod flessibbli għall-isfidi hekk kif jinħolqu fl-ekonomiji.

1.4.4. *Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Ir-Riżerva se tkun komplementari u se tiżgura sinerġiji ma' programmi u strumenti ta' finanzjament oħra tal-Unjoni. Il-qafas finanzjarju pluriennali 2021–2027 u l-programmi ta' akkumpanjament, inkluż l-Assistenza fl-Irkupru għall-Koeżjoni u għat-Territorji tal-Ewropa (REACT-EU) taħt il-fondi strutturali u ta' koeżjoni, il-fondi tal-politika ta' koeżjoni ta' wara l-2020, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-InvestEU, se jiffokaw aktar fuq l-indirizzar tal-effetti tal-kriżi kkawżata mill-COVID-19 u se jipprovdu appoġġ lill-ekonomiji tal-Istati Membri biex isiru aktar reżiljenti, sostenibbli u mħejjija aħjar għall-futur. Ir-Riżerva se tikkonċentra r-riżorsi tagħha b'mod speċifiku u esklużiv fuq l-effett dirett tal-avveniment speċifiku u mingħajr preċedent tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, li jnaqqas l-impatt tiegħu f'termini ta' koeżjoni territorjali.

L-istrument propost jispira ruħu wkoll mill-esperjenza li ilha teżisti fil-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni u l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (ir-Regolament (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002, kif emendat), filwaqt li jistabbilixxi

strument speċifiku ġdid għall-glieda kontra l-effetti negattivi tal-irtirar tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea.

Id-deċiżjonijiet biex jingħata appoġġ finanzjarju lil Stat Membru se jqisu l-miżuri ffinanzjati mill-programmi u l-istrumenti tal-Unjoni, u l-ħtieġa li jiġi evitat finanzjament doppju.

1.5. Durata u impatt finanzjarju

X durata limitata

- **X** fis-seħħ mill-01/01/2021 sal-31/12/2025
- **X** L-impatt finanzjarju fl-2021 u l-2024 għall-approprjazzjonijiet tal-impenji u fl-2021 u l-2024 għall-approprjazzjonijiet tal-pagamenti.

☐ durata mhux limitata

- Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,
- segwita bi tħaddim fuq skala sħiħa.

1.6. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)[24]

☐ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

- ☐ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;
- ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

X Ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit lil:

- ☐ pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;
- ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);
- ☐ il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investiment;
- ☐ korpi li hemm referenza għalihom fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;
- ☐ korpi rregolati bil-liġi pubblika;
- ☐ korpi regolati bil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sa fejn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
- ☐ korpi regolati bil-liġi privata ta' Stat Membru li huma fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
- ☐ lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.
- *Jekk jiġi indikat aktar minn mod wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

[24] Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinstabu fuq is-sit BudgWeb: https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/EN/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta’ monitoraġġ u ta’ rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

L-Istati Membri kollha se jkollhom jippreżentaw applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva, li se tagħti dettalji u tiġġustifika n-nefqa pubblika li tirriżulta minn u hi marbuta mal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, f’konformità mal-eliġibbiltà stabbilita hawn taħt. Ir-Regolament se jistabbilixxi skadenza unika għas-sottomissjoni; il-Kummissjoni tipproponi t-30 ta’ Settembru 2023 bħala l-aħħar jum biex jitressqu tali applikazzjonijiet.

Barra minn hekk, l-Istati Membri se jippreżentaw, bħala parti mill-applikazzjoni, rapport ta’ implimentazzjoni, dikjarazzjoni ta’ ġestjoni u opinjoni tal-awditjar indipendenti li tkopri l-perjodu ta’ referenza għar-Riżerva. Ir-rapport ta’ implimentazzjoni se jagħti dettalji pereżempju dwar il-miżuri meħuda u n-nefqa mġarrba mill-1 ta’ Lulju 2020 sal-31 ta’ Diċembru 2022 u l-miżuri meħuda biex jiġi evitat finanzjament doppju u biex tiġi żgurata l-komplementarjetà ma’ strumenti u finanzjament oħra tal-UE u nazzjonali.

Sat-30 ta’ Ġunju 2027, il-Kummissjoni se tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-attività tar-Riżerva.

2.2. Sistema jew sistemi ta’ ġestjoni u ta’ kontroll

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta’ ġestjoni, il-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, il-modalitajiet ta’ pagament u l-istrateġija ta’ kontroll proposta

Ġestjoni u kontroll

Il-baġit allokat għar-Riżerva se jiġi implimentat taħt ġestjoni kondiviża bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, li jiggarantixxi r-rispett sħiħ tal-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja tajba, it-trasparenza u n-nondiskriminazzjoni u n-nuqqas ta’ kunflitt ta’ interess. B’mod partikulari, l-Istati Membri se jkollhom jistabbilixxu sistema ta’ ġestjoni u kontroll u jaħtru korpi responsabbli għall-ġestjoni tar-Riżerva u korp indipendenti tal-awditjar. Ir-Regolament jistabbilixxi b’mod ċar ir-responsabbiltajiet għall-Istati Membri u sett minimu ta’ rekwiżiti għall-korpi responsabbli għall-ġestjoni, il-kontroll u l-awditjar tal-kontribuzzjoni finanzjarja taħt ir-Riżerva. L-Istati Membri se jistabbilixxu sistemi li għandhom l-għan li jipprevjenu, jidentifikaw u jittrattaw b’mod effettiv kwalunkwe irregolarità u frodi.

L-Istati Membri jeħtieġ li jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-identità tal-korpi maħtura u tal-korp li lilu għandu jitħallas il-prefinanzjament, u jikkonfermaw li d-deskrizzjonijiet tas-sistemi tfasslu fi żmien tliet xhur mid-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament.

Għal raġunijiet ta’ simplifikazzjoni, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu użu mill-korpi u s-sistemi maħtura eżistenti stabbiliti għall-fini tal-ġestjoni u l-kontroll tal-finanzjament tal-politika ta’ koeżjoni jew tal-Fond ta’ Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kummissjoni se tieħu azzjonijiet xierqa biex tiżgura li l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jkunu protetti.

Ġestjoni finanzjarja

Il-mekkaniżmu ta' implimentazzjoni tal-finanzjament u l-modalitajiet ta' pagament se jkunu kif ġej. Ir-Riżerva se tkopri l-Istati Membri kollha u se tiġi attivata f'żewġ allokazzjonijiet – l-ewwel waħda fl-2021 fil-forma ta' prefinanzjament sostanzjali, u t-tieni waħda fl-2024 bħala pagament ta' ammonti addizzjonali mir-Riżerva. Il-metodu ta' allokazzjoni għall-prefinanzjament se jiġi stabbilit fl-Anness I tar-Regolament sabiex tiġi żgurata trasparenza sħiħa.

Sat-30 ta' Settembru 2023, l-Istati Membri kollha se jippreżentaw applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva (kif stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament), li tagħti dettalji u tiġġustifika n-nefqa pubblika totali mġarrba u mħallsa mill-Istat Membru mill-1 ta' Lulju 2020 sal-31 ta' Diċembru 2022. L-applikazzjoni se tkun akkumpanjata minn rapport ta' implimentazzjoni, li jagħti dettalji, fost l-oħrajn, tal-miżuri meħuda biex jiġu miġġielda l-konsegwenzi negattivi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, u kif ġew implimentati, dikjarazzjoni ta' ġestjoni u opinjoni tal-awditjar indipendenti li tkopri l-perjodu ta' referenza għar-Riżerva.

Il-Kummissjoni se tivvaluta l-applikazzjonijiet f'pakkett, b'mod li jiggarantixxi trattament ugwali tal-Istati Membri kollha u li jiżgura l-konsistenza fl-evalwazzjoni. Fil-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva, il-Kummissjoni se tapprova l-prefinanzjament imħallas, u tirkupra l-ammont mhux użat għall-fini ta' dan ir-Regolament. Fejn in-nefqa taqbeż l-ammont imħallas fil-prefinanzjament u 0.06 % tal-ING nominali tal-2021, jistgħu jitħallsu allokazzjonijiet addizzjonali mir-Riżerva biex jikkontribwixxu għall-ammonti eċċessivi, fil-limiti tar-riżorsi finanzjarji disponibbli. L-ammonti rkuprati mill-prefinanzjament u riportati jistgħu jintużaw għar-rimborż ta' nefqa addizzjonali mill-Istati Membri, sakemm ikun hemm domanda.

2.2.2. *Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbiliti għall-mitigazzjoni tagħhom*

Ir-riskji huma dawn segwenti. Huwa importanti li jiġi żgurat li:

- in-nefqa pubblika totali ddikjarata mill-Istati Membri hija marbuta ma' miżuri meħuda biex jikkumbattu l-konsegwenzi negattivi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni;

- in-nefqa pubblika totali ddikjarata mill-Istati Membri hija limitata għall-perjodu ta' referenza mill-1 ta' Lulju 2020 sal-31 ta' Diċembru 2022;

- jiġi evitat finanzjament doppju.

Se jiddaħħlu fis-seħħ miżuri biex itaffu dawn ir-riskji matul l-implimentazzjoni u l-iżborż tar-Riżerva:

- l-istabbiliment fl-att leġiżlattiv ta' metodutrasparenti ta' allokazzjoni u ħlas;

- proċess ta' valutazzjoni bir-reqqa mill-Kummissjoni qabel il-pagament tal-ammonti addizzjonali mir-Riżerva;

- l-irkupru tal-prefinanzjament jew parti minnu f'każ li l-ammont aċċettat mill-Kummissjoni tan-nefqa eliġibbli ddikjarata minn Stat Membru jkun aktar baxx mill-prefinanzjament jew f'każ li jinstabu irregolaritajiet;

- l-użu ta' sistema ta' ġestjoni u kontroll speċifika għall-ġestjoni kondiviża f'konformità mal-Artikolu 63 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 bħal dawk

użati taħt il-politika ta' koeżjoni jew taħt il-Fond ta' Solidarjetà tal-UE. L-Istati Membri se japplikaw korrezzjonijiet finanzjarji fuq infiq irregolari.

2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti") u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)*

Il-Kummissjoni kkunsidrat dawn l-elementi kritiċi bir-reqqa bil-għan li ssib bilanċ tajjeb bejn ir-responsabbiltà, is-simplifikazzjoni u l-prestazzjoni.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tipproponi li s-sistema ta' ġestjoni u kontroll tar-Riżerva hija rregolata mir-regoli applikabbli għall-fondi b'ġestjoni kondiviża, eż. ir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni u l-Fond ta' Solidarjetà tal-UE. Ir-Regolament jistabbilixxi b'mod ċar ir-responsabbiltajiet għall-Istati Membri u sett minimu ta' rekwiżiti għall-korpi responsabbli għall-ġestjoni, il-kontroll u l-awditjar tal-kontribuzzjoni finanzjarja taħt ir-Riżerva. L-Istati Membri se jistabbilixxu sistemi li għandhom l-għan li jipprevjenu, jidentifikaw u jittrattaw b'mod effettiv kwalunkwe irregolarità, frodi u kunflitt ta' interess.

Sabiex jiġu evitati piżijiet finanzjarji u amministrattivi żejda fuq l-Istati Membri, id-dispożizzjonijiet proposti jilħqu bilanċ tajjeb bejn l-assigurazzjoni u r-regoli simplifikati u jippromwovu r-riportament tas-sistemi eżistenti.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija ta' Kontra l-Frodi.

Skont ir-regoli ta' ġestjoni kondiviża, l-Istati Membri se jkollhom jistabbilixxu sistema ta' ġestjoni u kontroll u jaħtru korpi responsabbli għall-ġestjoni tar-Riżerva u korp indipendenti tal-awditjar. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-identità tal-korpi maħtura u tal-korp li lilu se jitħallas il-prefinanzjament, u jikkonfermaw li d-deskrizzjonijiet tas-sistemi tfasslu fi żmien tliet xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

L-awtoritajiet tal-Istati Membri se jkollhom jużaw miżuri u proċeduri effettivi u proporzjonati kontra l-frodi, b'mod speċifiku billi jqisu r-riskji identifikati ta' frodi. L-awtoritajiet tal-Istati Membri se jkunu jistgħu jagħmlu użu mis-sistemi attwalment eżistenti għall-irregolaritajiet u l-prevenzjoni tal-frodi stabbiliti skont ir-regoli ta' ġestjoni kondiviża li jirregolaw il-fondi tal-politika ta' koeżjoni u l-Fond ta' Solidarjetà tal-UE.

Il-Kummissjoni u istituzzjonijiet oħra tal-UE (il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, l-OLAF) se jwettqu l-kontrolli u l-awditi tas-soltu tagħhom.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji ġodda tan-nefqa proposti

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
		Diff./Mhux diff.[25]	minn pajjiżi tal-EFTA[26]	minn pajjiżi kandidati[27]	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
Titlu 16: In-nefqa barra mil-limiti annwali stabbiliti fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali	16 02 03 Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit(BAR)	Diff.	LE	LE	LE	LE
Titlu 30: Riżervi	30 04 03 Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit(BAR)	Differenzjat	LE	LE	LE	LE

25 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
26 EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
27 Pajjiżi kandidati u, meta applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

EUR, fi prezzijiet attwali

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	<…>	Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit għall-16 02 03 (BAR)/ 30 04 03 Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (BAR)

			2021	**2022**	**2023**	**2024**	**2025**	**2026**	**2027**	***Wara l-2027***	**TOTAL**
Approprjazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(1)	4 244 832 000			1 126 162 000					**5 370 994 000**
	Pagamenti	(2)	4 244 832 000			1 126 162 000					**5 370 994 000**
Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett tal-programm[28]	Impenji = Pagamenti	(3)									
TOTAL ta' approprazzjonijiet għall-pakkett tal-programm	Impenji	=1+3	4 244 832 000			1 126 162 000					**5 370 994 000**
	Pagamenti	=2+3	4 244 832 000			1 126 162 000					**5 370 994 000**

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	7	"Nefqa amministrattiva"

Jenħtieġ li din it-taqsima timtela bl-użu tad-"*data* tal-baġit ta' natura amministrattiva" li se tiġi introdotta għall-ewwel darba fl-Anness għad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva (LFS), li hija mtella' fuq DECIDE għal skopijiet ta' konsultazzjoni bejn is-servizzi.

28 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u / jew ta' azzjonijiet tal-UE (il-linji "BA" preċedenti), riċerka indiretta, riċerka diretta.

EUR miljun (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

		2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	TOTAL
Riżorsi umani		0.300	0.150	0.750	0.750	0.300	0.150	**0.150**	**2.550**
Nefqa amministrattiva oħra									
TOTAL tal-approprazzjonijiet taħt INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Impenji totali = Pagamenti totali)	0.300	0.150	0.750	0.750	0.300	0.150	**0.150**	**2.550**

EUR miljun (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

		2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	TOTAL
TOTAL tal-approprijazzjonijiet fl-INTESTATURI tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	4 245.132 tunnellati	0.150	0.750	1 126. 912	0.300	0.150	**0.150**	**5 373.544 tunnellati**
	Pagamenti	4 245.132 tunnellati	0.150	0.750	1 126. 912	0.300	0.150	**0.150**	**5 373.544 tunnellati**

3.2.2. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– **X** Il-proposta / l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet addizzjonali ta' natura amministrattiva.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljun (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Is-snin	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	TOTAL
INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani	0.300	0.150	0.750	0.750	0.300	0.150	**0.150**	**2.550**
Nefqa amministrattiva oħra								
Subtotal INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	0.300	0.150	0.750	0.750	0.300	0.150	**0.150**	**2.550**

Barra INTESTATURA 7[29] of the multiannual financial framework								
Riżorsi umani								
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva								
Subtotal barra l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali								

TOTAL	0.300	0.150	0.750	0.750	0.300	0.150	**0.150**	2.550

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal infiq ieħor ta' natura amministrattiva se jiġu ssodisfati b'approprjazzjonijiet mid-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew kienu ġew ridistribwiti fi ħdan id-DĠ, flimkien, jekk dan ikun neċessarju, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

29 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u / jew ta' azzjonijiet tal-UE (il-linji "BA" preċedenti), riċerka indiretta, riċerka diretta.

3.2.2.1. Ir-rekwiżiti stmati tar-riżorsi umani

– **X** Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġ l-ebda użu ta’ riżorsi umani addizzjonali.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva tirrikjedi l-użu tar-riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima għandha tingħata f’unitajiet ekwivalenti għal full time

Is-snin		**2021**	**2022**	**2023**	**2024**	**2025**	**2026**	**2027**
Kwartieri ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni		2 AD	1 AD	4 AD; 1 AST	4 AD; 1 AST	2 AD	1 AD	1 AD
Delegazzjonijiet								
Riċerka								
Iffinanzjat mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	- fil-Kwartieri Ġenerali							
	- fid-Delegazzjonijiet							
Iffinanzjati mill-pakkett tal-programm[30]	- fil-Kwartieri Ġenerali							
	- fid-Delegazzjonijiet							
Riċerka								
Oħrajn (speċifika)								
TOTAL		2 AD	1 AD	4 AD; 1 AST	4 AD; 1 AST	2 AD	1 AD	1 AD

Ir-riżorsi umani meħtieġa sejrin jiġu ssodisfati minn persunal tad-DĠ li huwa diġà assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li ġie skjerat mill-ġdid fid-DĠ, flimkien ma’, jekk ikun hemm bżonn, kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista’ tingħata lid-DĠ ta’ ġestjoni skont il-proċedura ta’ allokazzjoni annwali u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u aġenti temporanji	
Persunal estern	

[30] Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji “BA”).

3.2.3. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/l-inizjattiva:

– **X** ma tipprevedix il-kofinanzjament minn partijiet terzi

– ☐ tipprevedi l-kofinanzjament minn partijiet terzi li qed jiġi stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'EUR miljun (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Is-snin	**2021**	**2022**	**2023**	**2024**	**2025**	**2026**	**TOTAL**
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament							
Approprjazzjonijiet TOTALI kofinanzjati							

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– **X** Il-proposta/inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

– ☐ fuq ir-riżorsi proprji

– ☐ fuq dħul ieħor

jekk jogħġbok indika jekk id-dħul huwa assenjat għal-linji tan-nefqa ☐

EUR miljun (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Impatt tal-proposta/inizjattiva[31]					
	2021	**2022**	**2023**	**2024**	**2025**	**2026**
Artikolu ………….						

Għad-dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

Rimarki oħra (eż. metodu/formula użati għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

[31] Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, id-dazji fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri l-ammonti gross wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-ispejjeż tal-ġbir.